**12 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Grazzja Camilleri *et*

*versus*

Lawrence Farrugia *et*

**Suċċessjoni – Eredità – Apertura tas-Suċċessjoni – Rikors – Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili – Dritt ta' Rappreżentazzjoni**

*Meta de cujus ma jkunx ħalla warajh dixxendenti, axxendenti, ħutu jew id-dixxendenti ta' ħutu, ikun ħalla biss zijiet u fin-nuqqas tagħhom biss kuġini fi gradi diversi, il-liġi trid li l-eredità tgħaddi fuq l-eqreb kollaterali esklusivament.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tad-19 ta' Settembru, 1991, li bih l-attriċi wara li ppremettiet illi b'rikors fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Diċembru, 1988, hi, Grazzja Camilleri, armla ta' Gaetano bint Francis Farrugia u Carmen neè Micallef, talbet li s-suċċessjoni ta' Anna Maria *sive* Anette Mangion xebba mietet fit-28 ta' Ottubru, 1988, fl-età ta' 88 sena wara li ħalliet testment fl-atti tan-Nutar Dr George Cassar tat-12 ta' Ottubru, 1970, tiġi ddikjarata miftuħa favuriha biss;

U wara li ppremettiet illi b'avviż numru 253 ta' l-1989

ippubblikat *fil-Gazzetta tal-Gvern* ġew ippubblikati *s-soliti bandi* (kopja ta' liema avviż qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument "A") u li sussegwentement il-konvenuti opponew ruħhom għall-ftuħ tas-suċċezzjoni ta' l-istess Anna Maria *sive* Annette Mangion favur l-attriċi waħedha billi ppretendew li huma wkoll werrieta ta' l-istess;

U wara li ppremettiet illi s-Sekond'Awla ta' din il-Qorti ordnat lill-attriċi biex tmexxi għad-drittijiet tagħha skond il-liġi u li kif jirriżulta mill-anness arblu ġenealoġiku mmarkat Dokument "B", l-attriċi hija l-eqreb kuġina ta' l-istess Anna Maria *sive* Annette Mangion li kienet tinstab ħajja fil-mewt ta' dina l-aħħar u għalhekk bħala l-eqreb kuġina hija l-unika werrieta skond il-liġi ta' l-istess Anna Maria *sive* Annette Mangion ad esklużjoni tal-kuġini l-oħra li jinsabu fi grad ta' *parentela* iżjed 'il bogħod minn tagħha;

Talbet l-istess *attriċi għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-attriċi hija l-unika werrieta tal-fuq imsemmija Anna Maria *sive* Annette Mangion ad esklużjoni tal-konvenuti;

2. Tiddikjara għalhekk nulla u inattendibbli l-opposizzjoni magħmula mill-konvenuti għall-ftuħ tal-wirt tal-fuq imsemmija Anna Maria *sive* Annette Mangion favur l-attriċi;

3. Tiddikjara miftuħa is-suċċessjoni favur l-istess Anna Maria *sive* Annette Mangion;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għax mhux minnu li hi l-unika werrieta tad-*decujus* u li l-ġudizzju mhux integru għax għal dan il-wirt mhux qed jikkonkorru biss il-kontendenti odjerni, imma skond il-liġi huma intitolati li jirċievu wkoll anki ulied il-mejta Carmelo u Joseph Farrugia li huma fl-istess grad ta' parentela mad-deċujus bħall-konvenuti u għalhekk dawn iridu jkunu fil-kawża. Illi l-pretensjoni ta' l-attriċi – li hija miżżewġa u mhux armla kif deskritta fil-korp taċ-ċitazzjoni – hija bbażata fuq interpretazzjoni erroneja tal-liġi, li hija intiża biex teskludi lill-eċċipjenti milli jipparteċipaw fil-wirt. Invece huma jikkontendu li bil-liġi tas-suċċessjoni "*ab intestato*" huma intitolati li jirtu flimkien ma' l-attriċi u oħrajn li mhumiex f'din il-kawża;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta' Diċembru, 1990, li biha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' April, 1991, li bih il-Qorti laqgħet it-talba biex il-ġudizzju jiġi trasfuż f'isem Carmena, Catherine, Lawrence u Josephine mart Rocco Schembri, bħala werrieta ta' l-istess Grazzja Camilleri li mietet fil-mori tal-kawża, f'isem Gaetano Camilleri bħala użufruttwarju ta' l-istess wirt u f'isem Rocco Schembri bħala amministratur tal-kommunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u 'l fuq imsemmija martu;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Jannar, 1992, li bih il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Trid issa tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-mertu li huma għandhom il-jedd jipparteċipaw fil-wirt imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Huma jikkontendu li bil-liġi tas-suċċezzjoni *ab intestato* huma intitolati li jirtu flimkien ma' l-attriċi. Il-fatti mhux kontestati ta' din *il-kawża huma fil-qosor is-segwenti:*

1. Fit-28 ta' Ottubru, 1988, mietet Anna Maria *sive* Annette Mangion, kuġina ta' l-attriċi. B'testment fl-atti tan-nutar Dottor George Cassar tat-12 ta' Ottubru, 1970, Annette Mangion innominat bħala eredi universali tagħha lil ħutha l-oħra kollha li mietu lkoll qabilha;

2. Jirriżulta illi l-axxendenti tagħha kollha kif ukoll iz-zijiet u l-kuġini tagħha fl-istess grad tagħha lkoll mietu qabilha. Dan hu ppruvat mill-arblu tar-razza mhux ikkontestat u miċ-ċertifikati prodotti waqt il-kawża;

3. Illi l-attriċi hi għalhekk l-unika prima kuġina ħajja u ma jirriżulta li hemm ħadd li jiġi viċin mid-*decujus* aktar minnha. L-attriċi talbet bil-proċedura apposita li s-suċċessjoni ta' l-istess Annette Mangion tiġi miftuħa favur tagħha esklussivament u f'dawk *il-proċeduri intervenew il-konvenuti li, ex admissis, jiġu* anqas fil-qrib mill-attriċi tad-*decujus*, u ppretendew illi huma wkoll huma werrieta ta' l-istess Annette Mangion;

Il-mertu ta' din il-kawża hu identiku għal dak ġà deċiż minn din il-Qorti kif ippresjeduta fit-23 ta' April, 1991, (ċitaz. nru.

1172/89 JSP) fl-ismijiet "Beatrice armla ta' Luigi Grech Cumbo *et nomine vs.* Emma mart Antoine Mifsud Bonnici *et*". Il-punt hu wieħed prettament legali. Japplikaw għall-każ l-artikolu 804 ġà 842 tal-Kodiċi Ċivili *et seq.* Il-kontendenti ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni tagħhom. Waqt li l-konvenuti jippretendu li d-dritt ta' rappreżentazzjoni għandu jestendi *ad infinitum* fil-każ tal-kollaterali kollha, benchè fi gradi differenti, u dana a tenur ta' l-artikolu 804(1), l-attriċi tippretendi illi għandha d-dritt esklussiv għall-eredità bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 815 ta' l-istess Kodiċi Ċivili, u dana billi l-konvenuti huma esklużi mill-wirt, in kwantu ma humiex "l-eqreb qraba". L-attriċi għandha raġun;

Il-konsiderazzjonijiet legali magħmula fil-kawża deċiża fit-23 ta' April, 1991, fuq ċitata japplikaw *mutatis mutandis* għall-każ odjern u qed issir hawn riferenza ampja għalihom u għall-każistika hemm riportata. F'dik is-sentenza ntqal *inter alia:*

"Il-każ in eżami huwa l-każ ikkontemplat fl-artikolu 815, fejn id-*decujus* li ma jkunx ħalla warajh dixxendenti, axxendenti, ħutu jew id-dixxendenti ta' ħutu, ikun ħalla biss zijiet u fin-nuqqas tagħhom – bħal ma hu l-każ in eżami – biss kuġini fi gradi diversi. F'dan il-każ il-liġi trid li l-eredità tgħaddi fuq l-eqreb kollaterali – f'dan il-każ il-kuġini primi, l-attriċi – esklussivament. L-artikolu 815 jgħid hekk: "Fin-nuqqas ta' dixxendenti, ta' axxendenti, ta' aħwa u ta' dixxendenti ta' l-aħwa, il-writ imiss liz-zijiet u mbagħad **lill-eqreb qarib kollaterali,** tkun liema tkun il-linja li fiha jkun jinsabu dawn iz-zijiet jew qarib kollaterali' ";

L-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-mertu, m'hiex sostenibbli fil-liġi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni fil-mertu tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi kif dedotti, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.